MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 579/1992/1

**Joseph Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Knights Services Limited**

**vs**

**Charles Schembri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta :-

Illi l-konvenut kien inkariga lill-attur nomine sabiex jesegwixxi xi xogholijiet ta' tiswija u meljorament fil-fond tal-konvenut f'San Pawl tat-Targa, liema xoghol kien beda

jigi esegwit mill-attur nomine skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet;

Illi l-prezz tax-xogholijiet kien miftiehem minn qabel bejn l-istess partijiet u fil fatt il-konvenut beda jhallas pagamenti akkont tal-prezz finali, pero' f'certu stadju deherlu li m' ghandux jaghmel aktar pagamenti u dana minhabba li huwa allega li l-attur nomine dam ma lesta xi xogholijiet u anke minhabba li certu xogholijiet ma sarux sewwa;

Illi mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet (Dok A), wiehed malajr jinduna x'inhi il-vertenza u kull tentattiv minn naha tal-attur nomine sabiex jasal f'arrangament amikevoli falla minhabba l-intransigenza tal-konvenut;

Illi jirrizulta l-attur nomine esegwixxa xogholijiet u li l-konvenut baqalu jhallas bilanc ta' tmien mija u wiehed u sebghin lira maltija (Lm871) lill-attur nomine;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-

1. tiddikjara, ghar-ragunijiet premessi, lill-konvenut responsabbli ghal-hlas fis-somma ta' tmien mija u wiehed u sebghin lira maltija (Lm871);

2. tikkundannah jhallas l-ammont hekk dovut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-27 ta' Settembru 1991 u tal-mandat ta' Sekwestru tad-29 ta' April 1992 u bl-imghaxijiet mill-24 ta' Lulju 1991, kontra il-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi d-domandi attrici huma infondati fil fatt u fid-dritt u

ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi l-attur nomine la esegwixxa x-xoghol miftiehem skond l-arti w is-sengha, la fiz-zmien stipulat, la bil-koordinazzjoni minnu promessa oltre li halla bosta xogholijiet mhux kompletati w il-fond tal-konvenut mimli debris u skart tax-xogholijiet mibdija wara li abbanduna l-appalt. B’ hekk xejn mhu dovut lilu mill-konvenut anzi hu l-konvenut li ghandu jiehu minghand l-attur nomine;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Novembru 1992 (diversament presjeduta) li bih ghie nominat bhala perit tekniku l-AIC Frederick Doublet fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-12 ta’ Aprtil 2005;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici fic-citazzjoni tippremetti li l-konvenut kien ta l-inkarigu tesegwixxi xi xogholijiet ta’ tiswija u meljorament fil-fond tal-konvenut f’San Pawl tat-Targa. Fil-kors ta’ dawn ix-xogholijiet il-konvenut kien ihallas skond il-prezzijiet miftiehma minnn qabel bejn il-partijiet. F’hin minnhom il-konvenut ma komplix jghamel il-pagamenti minhabba l-fatt li l-konvenut beda jallega li x-xogholijiet damu ma jitlestew u ma sarux sewwa. Is-socjeta attrici tippremetti ukoll li x-xogholijiet kollha gew esegwiti u li l-

konvenut baqalu jhallas bilanc ta’ tmien mija u wiehed u sebghin lira maltija (Lm871). Ghalhekk qed iisir din il-kawza fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

Da parti tieghu l-konvenut jeccepixxi li x-xoghol miftiehem ma giex esegwit skond kif tirrekjedi l-arti u s-sengha, ma giex terminat fiz-zmien stipulat, u mhux bil-koordinazzjoni kif promessa. Il-konvenut jeccepixxi ukoll li bosta xogholijiet thallew mhux kompletati w il-fond thalla mimli debris u skart tax-xogholijiet mibdija wara li s-socjeta attrici abbandunat l-appalt. Konsegwentement xejn mhu dovut lis-socjeta attrici u anzi hu l-konvenut li ghandu jiehu minghand l-istess socjeta attrici;

Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut jispecifika li l-appalt in kwestjoni nghata lis-socjeta attrici ghal habta ta’ Mejju 1991. Is-socjeta attrici da parti taghha intrabtet li tlesti x-xogholijiet kollha miftehma sa Lulju tal-istess sena. Is-socjeta attrici kellha tiehu hsieb tikkoordina x-xogholijiet u tqabbad il-haddiema ta’ snajja diversi skond il-htiega;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-rapport tal-abbli perit tekniku u taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha li ghamel u mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess perit tekniku;

Il-Perit Tekniku kkonkluda li l-konvenut kiser il-“ftehim” u ghalhekk is-socjeta attrici kienet gustifikata li tieqaf mix-xgohol. Huwa kkonkluda ukoll li kien hemm zball fil-kontegg finali tant li l-bilanc kollu li kien ghadu dovut kien jammonta ghas-somma ta’ Lm1201 u mhux Lm871 kif indikat fic-citazzjoni. Skond il-perit tekniku l-imsemmi ammont ta’ Lm1201 ghandu jitnaqqas u dana tenut kont tal-ilmenti gustifikati tal-konvenut. Dan l-ammont li ghandu jitnaqqas hu ta’ Lm297.11. Konsegwentement is-socjeta attrici ghad ghandha tithallas mill-konvenut il-bilanc totali ta’ disgha mija u zewg liri maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm902.89) u cioe’ Lm1201 – Lm298.11 = Lm902.89;

Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill din il-Qorti tbiddel jew tiskarta dawn il-konkluzjonijiet;

Peress li s-socjeta attrici qed titlob biss il-hlas ta' Lm871 li hu ammont anqas mill-imsemmija somma ta' Lm902.89 it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti ghas-somma ijndikata fic-citazzjoni;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tmien mija u wiehed u sebghin lira maltija (Lm871) u dana ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u bl-imghaxxijiet kollha skond il-ligi mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------